MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Numru 215/1999

**Il-Pulizija**

**Spettur Neil Harrison**
**V**

**JASON AZZOPARDI**

**Seduta ta' llum, 15 ta' Dicembru 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JASON AZZOPARDI** ta’ tnejn w ghoxrin sena, bin Joseph u Carmen nee Muscat, imwieled l-Imtarfa nhar t-tletin ta' Lulju 1977 u joqghod ‘St. Anthony Flats’, Triq t-Tamar, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita numru 345477M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-ghaxra ta' April 1998 u fl-ahhar erbgha xhur qabel din d-data;

a. Ikkultiva l-pjanta Cannabis;

b. Talli biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

c. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis;

d. Talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha;

e. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna sabiex l-hati jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat wiehed w ghoxrin ta' Ottubru 2003 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit fl-atti odjerni a fol 148 sabiex din il-kawza tinstemgha quddiem il-Qorti bhala wahda ta' gudikatura kriminali.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll dawk tad-Difiza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu w ammessi minn stess fis-seduta ta' nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003.

Semghet lil Avukat Difensur jghid li l-imputat ghamel progress kbir rigward il-problema li huwa kellu ta' abbuz ta' droga tant li beda programm ta' disintossifikazzjoni xi ghaxar xhur ilu u fil-present ghadu ghaddej f'fazi residenzjali.

Illi dan il-Qorti nnotatu wkoll de visu meta rat li l-imputat kien qed jigi akkumpanjat l-Qorti minn membri tal-Komunita tas- Sedqa.

Illi l-Qorti semghet lid-Difiza tiddikjara fl-istess seduta tal-ewwel ta' Dicembru 2003, li l-akkuza ta' kultivazzjoni si tratta fuq pjanta wahda zghira ta' Cannabis sativa u dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

Illi l-Qorti giet miltuba sabiex tkun klementi mal-imputat u tapplika l-piena fil-minimu taghha minhabba l-isforz genwin li l-imputat ghamel biex jgheleb il-problema akuta li kellu.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.
Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li hija konvinta li t-talba tal-imputat biex johrog minn dan il-problema hija wahda sinciera u affidabbli u jirrizulta li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin tant li diga ghamel ghaxar xhur minn dan il-programm residenzjali li huwa beda u ghalhekk t-talba

tad-Difiza ghal klemenza sejra tigi milqugha minn din il-Qorti.

Il-Qorti minn naha l-ohra pero trid tiehu hsieb wkolll-interess tas-socjeta u tikkreja bilanc bejn d-drittijiet tal-imputat u l-obbligazzjonijiet u dmirijiet li huwa ghandu lejn is-socjeta li war kollox, jifforma parti minnha wkoll l-istess imputat.

Il-Qorti ezaminat r-rapport tal-espert forensiku Mario Mifsud u appuntu r-relazzjoni tieghu esibita a fol 36 tal-atti u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-ammont ta' droga li nstabet ghand l-imputat kienet wahda de minimis bhala kwantita u konsegwentement bhala valur.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputat ghandu fedina penali netta w indellibbli, minghajr ebda tebgha ta'kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk ghandu jitqies bhala a first time offender.

Il-Qorti, ghalkemm rinfaccjata b'ammissjoni, din ma saritx fil-bidu tal-proceduri izda proprju fl-ahhar u ghalhekk m'ghandha ebda riflessjoni fuq r-riduzzjoni fil-piena ghaliex xorta nhela l-hin prezzjuz tal-Qorti u gew kawzati spejjes pubblici.

Illi fic-cirkostanzi, **il-Qorti** tiddecidi wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8(a)(c)(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 8 tal-G.N. 292/1939 u l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JASON AZZOPARDI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u kif ammessi minnu stess, u tikkundannah b'mod komplessiv tmien xhur prigunerija.**

**Oltre dan ghar-rigward t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-hati jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li l-Ispizjar Mario Mifsud gie nominat waqt il-gbir tal-provi f'din il-kumpilazzjoni b'digriet tal-Qorti tal-wiehed u ghoxrin ta' Marzu 2000 u ghalhekk l-ispejjes li gew imhallsa lil**

**dan l-espert ghandu jbatihom l-istess imputat odjern u ghalhekk tikkundanna lil imputat JASON AZZOPARDI sabiex jhallas l-ammont ta' sebgha w tletin lira maltin rappresentanti dawn l-ispejjes lid-Direttur tal-Qorti fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub.**

**Finalment, anke in vista tas-suespost, il-Qorti taghmel r-rakkomandazzjni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-fakulta li jkompli fit-triq li huwa beda ghar-rihabilitazzjoni tieghu mill-problema ta' droga li kellu.**
**Tordna li d-dokument NH 5 esibit f'dawn l-atti jigi distrutt u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil Ispizjar Mario Mifsud sabiex jirtirha minn dawn l-atti u jiddistruggih.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------